MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Numru. 537/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)
- vs -
ANTONIA VELLA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Antonia Vella mart Joseph bint George Portelli u Josephine nee` Mercieca imwielda fil-25 ta' Settembru 1957 u residenti Nru 23, Triq Forn il-Gir, Rabat, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 52157G) giet imressqa quddiemha akkuzata talli nhar id-29 t'Ottubru 2003 ghall-habta tat-8.00 a.m. u fil-gimghat ta' qabel, bhala persuna licenzjata u li tmexxi il-Flamingo Bar, li qieghed fi Pjazza Kennedy, Rabat Ghawdex, bieghet, ipprovdiet jew qassmet b'kumpens jew b'mod iehor xi sigaretti lil Tamara Tabone ta' tlettax-il sena, Emily Micallef ta' hmistax-il sena u Caroline Dimech ta' tlettax il-sena, li huma

ghalhekk persuni li ma ghalqux it-tmintax-il sena u dan bi ksur tal-Art.13 tal-KAp 315 (Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk).

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil Pauline Grech, Tamara Tabone, Emily Micallef, Caroline Dimech u PS 812.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 13 tal-Kap 315.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti u cioe` mix-xhieda moghtija mill-minuri Tamara Tabone, Emily Micallef u Caroline Dimech l-akkuza ma gietx pruvata b'mod sodisfacenti u cioe` sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfront tal-imputata odjerna.

Ghaldaqstant tiddikjara li ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------